Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11239/24
PV CONS 32
JAI 1051
COMIX 290

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)

13 u 14 ta' Ġunju 2024

**IL-ĦAMIS 13 TA' ĠUNJU 2024**

**AFFARIJIET INTERNI**

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 10690/24, bl-eċċezzjoni tal-punt numru 4 "Dikjarazzjoni ta' Schengen".

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

**a) Lista mhux leġiżlattiva** — 10692/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

**b) Lista leġiżlattiva** (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) — 10693/24

Trasport

1. **Reviżjoni tar-Regolament dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)** ❶C — 10209/24 + ADD 1 REV 2, PE-CONS 56/24 + ADD 1-29

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 172 TFUE). Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Ġustizzja u Affarijiet Interni

2. **Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE dwar id-drittijiet tal-vittmi** ❶C — 10255/24 + ADD 1-2 JAI

*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva proposta kif tidher fid-dokument imsemmi hawn fuq. Id-dikjarazzjonijiet mill-Bulgarija u mis-Slovakkja jinsabu fl-Anness.

3. **Regolament dwar il-proċeduri għall-implimentazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data** ❶C — 10288/24 DATAPROTECT

*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament dwar ir-regoli proċedurali relatati mal-infurzar tal-Protezzjoni Ġenerali tad-Data kif jinsab fid-dokument 10288/24.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **4.** | **Regolament li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE**<br>*Approċċ ġenerali* | ❶C | 10602/24 + COR 1 + ADD 1-2 MIGR |

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE kif jinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Id-dikjarazzjonijiet min-Netherlands u mill-Ungerija jinsabu fl-Anness.

## GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL TA' SCHENGEN")

### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

| | | |
|---|---|---|
| 3. | Is-sitwazzjoni ġenerali taż-żona Schengen | |
| | a) Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat ta' Schengen tal-2024 | 9012/24 + ADD 1-3 |
| | b) Prijoritajiet għaċ-Ċiklu 2024-2025 tal-Kunsill ta' Schengen<br>*Skambju ta' fehmiet* | 10489/24 |
| 4. | Dikjarazzjoni ta' Schengen<br>*Approvazzjoni* | 10490/24 |
| 5. | Il-futur tal-politika tal-UE dwar il-viżi<br>*Skambju ta' fehmiet* | 10258/24 |
| 6. | Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà<br>*Sitwazzjoni attwali* | 10845/24 |
| 7. | Affarijiet oħra | |

## KWISTJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-AFFARIJIET INTERNI

### Deliberazzjonijiet leġiżlattivi
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **8.** | **Regolament għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal**<br>*Rapport ta' progress* | ❶C | 10666/24 |

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar ir-Regolament li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan.

**9. Affarijiet oħra**
**Proposti leġiżlattivi attwali** 10483/24
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' proposti leġiżlattivi differenti fil-qasam tal-affarijiet interni.

**<u>Attivitajiet mhux leġiżlattivi</u>**

10. Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil: implimentazzjoni[1,2]
   a) Segwitu tal-Presidenza 10791/24
   b) Pjan ta' implimentazzjoni komuni għall-Patt 10749/24
   *Sitwazzjoni attwali* + ADD 1-2

11. Aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi: preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli[3] 10477/24
   *Skambju ta' fehmiet*

12. Konsegwenzi tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna
   a) Sigurtà interna[1,4]
   *Sitwazzjoni attwali*
   b) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 (*) 10709/24 + COR 1
   (Bażi legali: l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001)
   *Ftehim politiku / Ftehim fil-prinċipju*

13. Il-ġlieda kontra l-isfidi tas-sigurtà[1,5] 10406/24 + COR 1
   a) Valutazzjoni mill-Bord Konsultattiv tal-Intelligence
   *Preżentazzjoni mill-President tal-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG)*
   *Sitwazzjoni attwali*
   b) Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu
   *Sitwazzjoni attwali*

---

1 B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ma' Schengen.
2 L-aġenziji Ewropej EUAA, eu-LISA, u Frontex mistiedna għal dan il-punt.
3 L-aġenzija Ewropea Frontex mistiedna għal dan il-punt.
4 L-aġenziji Ewropej Europol u Frontex mistiedna għal dan il-punt.
5 L-aġenzija Ewropea Europol u l-President tal-Grupp Kontra t-Terroriżmu (CTG) mistiedna għal dan il-punt.

14. Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata
   a) Rapport tal-Presidenza[3] — 10270/24
      *Sitwazzjoni attwali*
   b) Konklużjonijiet dwar l-immappjar ta' networks kriminali ta' riskju għoli — 10512/24
      *Approvazzjoni*

15. It-tisħiħ tat-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet fil-livell tal-UE — 10433/24
    *Skambju ta' fehmiet*

16. Affarijiet oħra
   a) Dokument informali dwar pakkett ta' sigurtà ġdid — 10493/24
      *Informazzjoni mill-Iżvezja*
   b) Laqgħa ministerjali bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (Brussell, 20-21 ta' Ġunju 2024) — 10806/24
      *Informazzjoni mill-Presidenza*
   c) Kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u tal-Afrika ta' Fuq (MENA) — 10822/24
      *Informazzjoni mill-Portugall*
   d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
      *Preżentazzjoni mill-Ungerija*

**IL-ĠIMGĦA, 14 TA' ĠUNJU 2024**

**ĠUSTIZZJA**

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**17. Regolament dwar l-istabbiliment u r-rikonoxximent tal-istat ta' ġenitur f'sitwazzjonijiet transfruntieri** [S][C] 9897/24
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar ir-Regolament propost.

**18. Direttiva li tarmonizza ċerti aspetti tal-liġi dwar l-insolvenza** [❶][C] 10363/24
*Rapport ta' progress*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress.

**19. Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni** [❶][C] 10247/24 + ADD 1 REV 1 + ADD 2-3
*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar id-Direttiva proposta.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Bulgarija, mill-Estonja u mill-Ġermanja jinsabu fl-Anness.

**20.** **Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal** ❶C 10065/24
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar id-Direttiva proposta.

**21.** **Affarijiet oħra**
**Proposti leġiżlattivi attwali** 10483/24
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali ta' proposti leġiżlattivi differenti fil-qasam tal-ġustizzja.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

22. Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE)[6]
*Sitwazzjoni attwali*

23. Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna: ġlieda kontra l-impunità[7] 10081/24
*Skambju ta' fehmiet*

24. Il-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga u l-kriminalità organizzata: rapport mill-Presidenza 10270/24
*Sitwazzjoni attwali*

**25.** **Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' dibattitu demokratiku ħieles, miftuħ u infurmat** 2 9861/24 + ADD 1
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Bulgarija u mill-Ungerija jinsabu fl-Anness ta' dawn il-minuti.

26. Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul 10485/24
*Sitwazzjoni attwali*

[6] L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew mistieden għal dan il-punt.
[7] L-aġenzija Ewropea Eurojust u l-Qorti Kriminali Internazzjonali mistiedna għal dan il-punt.

27. Affarijiet oħra

a) Negozjati bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar ftehim dwar l-evidenza elettronika
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

b) Tabella ta' Valutazzjoni tal-2024 tal-Ġustizzja tal-UE — 10742/24
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

c) Aċċess għad-data għal infurzar effettiv tal-liġi: preżentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli — 10289/24
*Informazzjoni mill-Presidenza* — 10806/24

d) Laqgħa ministerjali bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni
(Brussell, 20-21 ta' Ġunju 2024)
*Informazzjoni mill-Presidenza*

e) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
*Preżentazzjoni mill-Ungerija*

---

| | |
|---|---|
| ❶ | L-ewwel qari |
| S | Proċedura leġislattiva speċjali |
| 2 | Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill) |
| ✋ | Punt ristrett |
| C | Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni |
| (*) | Punt li jista' jintalab vot dwaru |

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 10693/24**

**Dwar il-punt "A" nru 1:** **Reviżjoni tar-Regolament dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T)**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA**

"Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tilqa' bi pjaċir il-ftehim preliminari li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet fit-18 ta' Diċembru 2023 dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u dwar l-adozzjoni rapida mill-Parlament Ewropew fl-24 ta' April 2024. Sabiex ir-Regolament ikun jista' jidħol fis-seħħ malajr, il-Ġermanja qed tivvota favur l-adozzjoni tar-Regolament abbażi tat-test attwali fil-Kunsill, iżda tixtieq tirrimarka ċerti nuqqasijiet fil-verżjonijiet lingwistiċi li ser jirrekjedu rettifika.

Sa issa, id-dispożizzjonijiet relatati mal-"prijoritajiet addizzjonali" ġew tradotti b'mod inkonsistenti ħafna fil-verżjonijiet lingwistiċi individwali.

Skont il-verżjoni bl-Ingliż, li fuqha kienu bbażati n-negozjati tat-trilogu, "għandha tingħata attenzjoni" mill-Istati Membri għall-prijoritajiet addizzjonali. Dan huwa f'konformità mal-ispirtu tan-negozjati tat-trilogu u tal-ftehim politiku li ntlaħaq: Il-"prijoritajiet addizzjonali" huma aktar previsti bħala prijoritajiet fakultattivi milli mandatorji, apparti r-rekwiżiti vinkolanti għall-modi individwali tat-trasport li jinsabu f'artikoli oħrajn tar-Regolament.

Min-naħa l-oħra, il-verżjoni bil-Ġermaniż, fost l-oħrajn, hija ċarament aktar restrittiva u teħtieġ li l-Istati Membri "jagħtu prijorità lill-" prijoritajiet addizzjonali. Dan jista' jkun il-każ ukoll b'verżjonijiet lingwistiċi oħrajn.

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-Regolament fl-Istati Membri kollha, huwa importanti ħafna li t-traduzzjonijiet f'diversi lingwi uffiċjali jkunu allinjati mill-qrib mal-verżjoni bl-Ingliż li oriġinarjament saru n-negozjati fuqha u ntlaħaq qbil politiku dwarha.

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tistenna li għal dawk it-traduzzjonijiet li jiddevjaw b'mod sinifikanti mill-verżjoni oriġinali bl-Ingliż, il-korrezzjonijiet tekniċi rilevanti ppreżentati mill-Ġermanja u possibbilment anki minn Stati Membri oħrajn isiru dalwaqt fil-verżjonijiet lingwistiċi konċernati. Fir-rigward tal-prijoritajiet addizzjonali, dan japplika għall-ewwel sentenza fl-Artikoli 20, 24, 28, 32, 35, 39 u 42.

Sa fejn hija kkonċernata l-verżjoni bil-Ġermaniż, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja identifikat ukoll aktar nuqqasijiet fit-traduzzjoni. Dment li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Awstrija jkunu jistgħu jsibu pożizzjoni komuni dwar traduzzjoni aħjar bil-Ġermaniż, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tistenna wkoll rettifika korrispondenti tal-verżjoni bil-Ġermaniż.

Jekk Stati Membri oħrajn iridu jikkoreġu l-verżjoni lingwistika tagħhom ukoll, jistgħu jserrħu fuq l-appoġġ tal-Ġermanja, dment li l-proposti tagħhom ikunu allinjati mill-qrib mal-verżjoni oriġinali bl-Ingliż, u għaldaqstant jiżguraw applikazzjoni uniformi tar-Regolament TEN-T rivedut."

## DIKJARAZZJONI MINN SPANJA

"Fit-18 ta' Diċembru 2023, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, taħt il-Presidenza Spanjola, laħqu ftehim proviżorju dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar linji gwida għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport.

Fl-24 ta' April 2024, it-test tal-ftehim ġie approvat mill-plenarja tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.

Ir-Renju ta' Spanja jappoġġa t-test approvat mill-Parlament u l-adozzjoni tiegħu mill-Kunsill.

Madankollu, kif innotaw delegazzjonijiet oħra, l-awtoritajiet Spanjoli jindikaw li hemm ċerti nuqqasijiet jew ineżattezzi fil-verżjoni Spanjola li jistgħu jwasslu għal differenzi fl-interpretazzjoni legali meta mqabbla mal-verżjoni Ingliża, li kienet il-verżjoni mifthiema politikament.

L-awtoritajiet Spanjoli għalhekk iqisu li, ladarba t-test jiġi adottat, il-verżjonijiet fid-diversi lingwi uffiċjali jeħtieġ li jiġu riveduti b'mod li jikkorrispondu għall-verżjoni Ingliża, sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha."

## DIKJARAZZJONI MINN FRANZA

"L-awtoritajiet Franċiżi jilqgħu bi pjaċir il-ftehim proviżorju dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar in-Network Trans-Ewropew tat-Trasport (Regolament TEN-T) li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet Ewropej fit-18 ta' Diċembru 2023 u l-adozzjoni tiegħu mill-Parlament Ewropew fl-24 ta' April 2024.

Nappoġġaw it-test approvat kif ukoll l-adozzjoni finali tar-Regolament skedat għal-laqgħa tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2024 u tal-pubblikazzjoni tiegħu matul iċ-ċiklu leġiżlattiv attwali.

Madankollu, nixtiequ niġbdu l-attenzjoni għad-deċiżjoni li saret mill-koleġiżlaturi li jużaw proċedura speċifika biex jadottaw ir-Regolament (il-proċedura marbuta maċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kif ġew imsemmija fil-laqgħa tal-Coreper fl-10 ta' April 2024), mingħajr proċedura ta' rettifika matul iċ-ċiklu leġiżlattiv attwali. L-awtoritajiet Franċiżi jinnutaw li l-Istati Membri ma ġewx ikkonsultati, qabel l-adozzjoni finali dwar il-verżjonijiet li saru mill-ġuristi lingwisti u b'mod partikolari dwar it-traduzzjonijiet bil-lingwi tal-Unjoni Ewropea.

L-awtoritajiet Franċiżi jisħqu fuq l-importanza operazzjonali, teknika u legali li tkun tista' tiġi vvalutata l-verżjoni bil-Franċiż tar-Regolament, kif ukoll il-verżjonijiet bil-lingwi uffiċjali l-oħrajn tal-Unjoni Ewropea, fid-dawl tal-verżjoni bl-Ingliż li serviet bħala bażi għan-negozjati tat-trilogu u li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament TEN-T. B'segwitu għall-eżempji li ngħataw fid-dikjarazzjoni mill-Ġermanja, nisħqu fuq in-nuqqasijiet possibbli tal-verżjonijiet li mhumiex bl-Ingliż, li jeħtieġ li jiġu rettifikati.

Sa fejn għadd ta' Stati Membri jevokaw diffikultajiet detrimentali marbuta mal-formulazzjoni tal-verżjonijiet tradotti tar-Regolament TEN-T, l-awtoritajiet Franċiżi jappoġġaw id-dikjarazzjoni tal-Ġermanja li tispeċifika l-importanza li tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-Regolament fl-Istati Membri kollha. Għal din ir-raġuni huwa essenzjali li t-traduzzjonijiet fil-lingwi uffiċjali kollha jkunu allinjati b'mod perfett mal-verżjoni bl-Ingliż li inizjalment saru n-negozjati fuqha u ntlaħaq qbil politiku dwarha.

Għaldaqstant, l-awtoritajiet Franċiżi jitolbu li fi żmien xieraq isiru l-korrezzjonijiet tekniċi xierqa meħtieġa f'għadd ta' verżjonijiet lingwistiċi, li jkunu bdew u jkunu mixtieqa mill-Istati Membri, inkluż minn Franza."

**DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA**

"L-Italja tilqa' bi pjaċir il-ftehim preliminari li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet fit-18 ta' Diċembru 2023 dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u l-adozzjoni rapida tiegħu mill-Parlament Ewropew fl-24 ta' April 2024. Għaldaqstant, l-Italja tivvota favur l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill abbażi tal-verżjoni bl-Ingliż tat-test (PE-CONS 56/24) iżda tixtieq tagħmel xi kummenti dwar il-verżjonijiet lingwistiċi, li jridu jitqiesu.

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-Regolament fl-Istati Membri kollha, huwa importanti ħafna li t-traduzzjonijiet f'diversi lingwi uffiċjali jkunu allinjati bis-sħiħ u konsistenti mal-verżjoni bl-Ingliż li oriġinarjament saru n-negozjati fuqha u ntlaħaq qbil politiku dwarha.

L-Italja tistenna li l-adozzjoni fil-Kunsill tal-għadd ta' verżjonijiet lingwistiċi ser tirrekjedi kunsiderazzjoni ulterjuri u li ser ikunu jistgħu jsiru l-korrezzjonijiet sabiex jiġu kkoreġuti l-verżjonijiet lingwistiċi li jiddevjaw mill-oriġinal bl-Ingliż, u għaldaqstant tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-reviżjoni tar-Regolament TEN-T.

Jekk Stati Membri oħrajn ikunu jixtiequ jikkoreġu l-verżjoni lingwistika tagħhom ukoll, l-Italja tista' tesprimi l-appoġġ tagħha, dment li l-proposti tagħhom ikunu allinjati mill-qrib mal-verżjoni oriġinali bl-Ingliż."

**DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL**

"Il-Portugall jilqa' bi pjaċir il-ftehim preliminari li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet fit-18 ta' Diċembru 2023 dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar il-linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u l-adozzjoni tiegħu mill-Parlament Ewropew fl-24 ta' April 2024. Għaldaqstant, il-Portugall jivvota favur l-adozzjoni tar-Regolament abbażi tal-verżjoni bl-Ingliż tat-test attwali tal-Kunsill (PE-CONS 56/24), iżda jixtieq ukoll jagħmel xi kummenti dwar il-verżjonijiet lingwistiċi, li jridu jitqiesu.

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-Regolament fl-Istati Membri kollha, huwa importanti ħafna li t-traduzzjonijiet f'diversi lingwi uffiċjali jkunu allinjati bis-sħiħ u konsistenti mal-verżjoni bl-Ingliż li inizjalment saru n-negozjati fuqha u ntlaħaq qbil politiku dwarha. Għaldaqstant, il-Portugall iqis li l-adozzjoni fil-Kunsill ta' għadd ta' verżjonijiet lingwistiċi ser ikollhom jinkorporaw kwalunkwe rettifika biex jikkoreġu l-verżjonijiet lingwistiċi li jiddevjaw mill-verżjoni oriġinali bl-Ingliż."

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "A" nru 2:** | **Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE dwar id-drittijiet tal-vittmi**<br>*Approċċ ġenerali* |

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA**

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Aħna, u ser nibqgħu, iddedikati għall-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif minquxa fit-Trattati.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija hija impenjata bis-sħiħ għall-protezzjoni u l-għoti ta' appoġġ sħiħ għall-vittmi ta' reati. F'dan ir-rigward, aħna nqisu d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità bħala stadju importanti essenzjali, u nirrikonoxxu li l-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE bla dubju ser ittejjeb il-protezzjoni tal-vittmi madwar l-Unjoni Ewropea.

Fid-dawl tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali tagħha mill-2018 u l-2021, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li t-terminu "ġeneru" użat fil-proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE huwa mifhum li jinkludi biss is-sess maskili u femminili fit-tifsira bijoloġika tagħhom.

Fl-aħħar nett, ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara wkoll li fit-test tad-Direttiva ser taċċetta biss it-traduzzjoni bil-Bulgaru tat-terminu "ġeneru" bħala "пол"."

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA SLOVAKKA**

"Ir-Repubblika Slovakka tilqa' u tappoġġa t-test ta' kompromess tad-Direttiva. Fil-fehma tagħna, dan huwa pass importanti 'l quddiem fit-tisħiħ tad-drittijiet tal-vittmi u r-reviżjoni tal-istandards minimi li jikkorrispondu għall-prattiki li qed jevolvu tal-Istati Membri.

F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Slovakka tixtieq tfakkar li fir-rigward tat-terminu "ġeneru" użat fl-Artikolu 22, il-paragrafu 2, il-punt (a) rivedut, f'dan l-Artikolu ser jiġi tradott bħala "sess" f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-liġi kriminali, id-drittijiet tal-vittmi u d-diskriminazzjoni. F'każijiet fejn il-kuntest jeħtieġ l-użu tal-ekwivalenti tas-Slovakk għal "ġeneru", ser tintuża t-traduzzjoni xierqa, bħal pereżempju fit-terminu "vjolenza abbażi tal-ġeneru"."

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "A" nru 4.** | **Regolament li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE**<br>*Approċċ ġenerali* |

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tixtieq tenfasizza l-apprezzament tagħha għall-isforzi tal-Presidenza biex jinstab kompromess fil-Kunsill matul in-negozjati dwar ir-Riżerva ta' Talent u biex jintlaħaq test ibbilanċjat li jqis il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-aspetti tas-sigurtà nazzjonali tal-Istati Membri.

Minħabba l-isfidi attwali għas-sigurtà u l-bidliet fis-soċjetà kkawżati mill-migrazzjoni, aħna ma nemmnux li azzjoni fil-livell tal-UE biex jiġi ffaċilitat l-influss ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi hija ġġustifikata. Beħsiebna nindirizzaw il-problemi tas-suq tax-xogħol fil-livell nazzjonali u l-ħaddiema minn pajjiżi terzi jitqiesu bħala soluzzjoni temporanja u mhux fit-tul.

Filwaqt li tirrikonoxxi bis-sħiħ il-kisbiet tal-Presidenza u tirringrazzjahom għall-ħidma kostruttiva tagħhom, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq l-Ungerija tastjeni mill-adozzjoni tal-approċċ ġenerali."

**DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS**

"In-Netherlands jirrikonoxxu li r-Riżerva ta' Talent tal-UE tista' tikkontribwixxi biex ittaffi n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol fl-Istati Membri. Nirrikonoxxu wkoll li proposti bħar-Regolament dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE jistgħu jikkontribwixxu b'mod pożittiv għad-djalogu dwar il-migrazzjoni mal-pajjiżi sħab ta' oriġini u ta' tranżitu. Matul in-negozjati tal-Kunsill dwar l-Approċċ Ġenerali, ġbidna l-attenzjoni b'mod estensiv għall-prevenzjoni tal-abbuż u l-isfruttament ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, u l-eżodu ta' mħuħ fil-pajjiżi ta' oriġini. In-Netherlands huma tal-fehma li jeħtieġ li jiġi evitat kemm jista' jkun li ċittadini ta' pajjiżi terzi jintbagħtu b'mod mhux xieraq fl-Istati Membri tal-UE, b'mod importanti wkoll fil-kuntest speċifiku tar-Riżerva ta' Talent tal-UE. Prattiki bħal dawn ipoġġu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi f'pożizzjoni vulnerabbli, li jwasslu għall-isfruttament tal-ħaddiema, joħolqu kompetizzjoni inġusta u ġirja lejn l-aktar livell baxx fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u jevitaw il-politiki nazzjonali dwar il-migrazzjoni. Għandna niżguraw li r-Riżerva ta' Talent tal-UE ma tippermettix li ċittadini ta' pajjiżi terzi jintbagħtu f'post mhux xieraq. Minkejja djalogu kostruttiv mal-Presidenza Belġjana u l-Kummissjoni Ewropea dwar din il-kwistjoni, ikollna nikkonkludu li t-tħassib tagħna ma tqiesx biżżejjed. Għalhekk ser nastjenu mill-vot dwar l-Approċċ Ġenerali.

In-Netherlands jirringrazzjaw lill-Presidenza Belġjana u lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispirtu pożittiv ta' kooperazzjoni matul in-negozjati. Ser nibqgħu naħdmu biex nagħmlu r-Riżerva ta' Talent tal-UE għodda li tiffunzjona tajjeb għal dawk l-Istati Membri li ser jiddeċiedu li jipparteċipaw sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti filwaqt li jittaffew ir-riskji għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u għall-Istati Membri."

| | |
|---|---|
| **Dwar il-punt "B" nru 25.** | **Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' dibattitu demokratiku ħieles, miftuħ u infurmat**<br>*Approvazzjoni* |

**DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA**

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tiddikjara li t-terminu "ġeneru" użat fl-Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' dibattitu demokratiku ħieles, miftuħ u infurmat huwa mifhum li jinkludi biss is-sess maskili u femminili fit-tifsira bijoloġika tagħhom. F'dak is-sens, l-Istat jaċċetta biss it-traduzzjoni għal-lingwa Bulgara tat-terminu "ġeneru" fid-dokument imsemmi hawn fuq bħala "пол"."

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tfakkar li l-formulazzjoni attwali tat-test tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' dibattitu demokratiku ħieles, miftuħ u infurmat tirrifletti kompromess innegozjat bir-reqqa, u għalhekk nistgħu nappoġġawh.

F'dan il-kuntest għandu jiġi mtenni li l-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' dibattitu demokratiku ħieles, miftuħ u infurmat bħala referenza għal "sess".

Barra minn hekk, l-Ungerija tiddikjara li l-istrateġiji tal-Kummissjoni adottati fl-2020 u fl-2021: l-Istrateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025 [COM(2020) 152 final], l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025 [COM(2020) 698 final] u l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal [COM (2021) 142 final] imsemmija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ u l-protezzjoni ta' dibattitu demokratiku ħieles, miftuħ u infurmat għandhom jiġu interpretati bil-kunsiderazzjoni dovuta għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru."

## Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "B" li jinsabu fid-dokument 10690/24

**Dwar il-punt "B" nru 19.** **Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni**
*Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Il-Bulgarija tappoġġa bis-sħiħ l-objettivi tal-proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Madankollu, jiddispjaċina li diversi preokkupazzjonijiet espressi mid-delegazzjoni Bulgara ma ġewx indirizzati kif xieraq matul in-negozjati fil-Kunsill.

L-ewwel nett, nixtiequ ntennu t-tħassib tagħna dwar l-approċċ differenzjat fis-sanzjonar ta' persuni ġuridiċi (l-Artikolu 17, il-paragrafu 3), skont jekk ir-responsabbiltà tagħhom tiġix skattata skont il-paragrafu 1 jew skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 16. Diġà indikajna li l-introduzzjoni ta' approċċ differenzjat fis-sanzjonar ta' persuni ġuridiċi ser ikollha konsegwenzi negattivi. Xi wħud minnhom jinkludu: l-ikkawżar ta' kunflitt mal-prinċipju ta' reġim unifikat ta' sanzjonijiet għal persuni ġuridiċi li huwa stabbilit mill-konvenzjonijiet kontra l-korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, in-NU u l-OECD; konfużjoni kunċettwali, leġiżlattiva u prattika fl-Istati Membri li diġà ħadu miżuri f'konformità mal-istandards internazzjonali u Ewropej; l-għoti ta' messaġġ kontroversjali lill-Istati Membri li jistgħu jadottaw sanzjonijiet korporattivi inqas effettivi, proporzjonati u dissważivi għal reati ta' korruzzjoni mwettqa minn persuni taħt awtorità, anke jekk dawn ir-reati jitwettqu għall-benefiċċju tal-persuna ġuridika u jikkawżaw ħsara serja lis-soċjetà; il-ħolqien ta' possibbiltà ta' użu ħażin mill-persuni ġuridiċi li jistgħu faċilment jorganizzaw it-twettiq ta' reati ta' korruzzjoni b'mod li jevitaw sanzjonar effettiv; u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal għażla opportunistika tal-ġuriżdizzjoni.

Fl-aħħar nett, nesprimu tħassib li matul in-negozjati t-terminu "sanzjonijiet" fil-verżjoni bl-Ingliż ġie sostitwit bit-terminu "pieni" fid-dispożizzjonijiet rispettivi u fil-preambolu tad-Direttiva mingħajr ma ngħataw raġunijiet lingwistiċi jew legali sostanzjali għal din il-bidla terminoloġika importanti. Nixtiequ nenfasizzaw li t-terminu "sanzjonijiet" jintuża b'mod konsistenti fid-direttivi dwar il-liġi kriminali u l-konvenzjonijiet kontra l-korruzzjoni adottati fil-Kunsill tal-Ewropa, in-NU u l-OECD, u sa issa ma kkawżax interpretazzjoni skorretta jew konfużjoni fil-livell tal-UE jew nazzjonali. Barra minn hekk, it-terminu "sanzjonijiet" jintuża fid-dispożizzjoni tal-Artikolu 83, il-paragrafi 1 u 2 TFUE, u għalhekk il-bidla terminoloġika msemmija hawn fuq mhijiex konsistenti mal-bażi legali għall-proposta għad-Direttiva.

It-tielet, aħna nosservaw li r-referenza għad-dritt nazzjonali fit-tieni sentenza tal-Artikolu 2, il-paragrafu 2, l-ittra (ii) (definizzjoni ta' uffiċjal nazzjonali) tista' tiġi interpretata bħala li tippermetti lill-Istati Membri jeskludu membri tal-parlamenti nazzjonali miċ-ċirku ta' uffiċjali li huma kriminalment responsabbli għal reati ta' korruzzjoni skont id-Direttiva. Approċċ bħal dan ma jikkorrispondix għall-istandard stabbilit mill-UNCAC (l-Artikolu 2(a)), u lanqas għall-ambizzjoni tal-proposta għad-Direttiva.

Ir-raba', nixtiequ nesprimu t-tħassib tagħna li l-formulazzjoni tal-Artikolu 19 "Privileġġi jew immunità mill-investigazzjoni u mill-prosekuzzjoni ta' reati ta' korruzzjoni" tista' tiġi interpretata bħala li tippermetti lill-Istati Membri jżommu fil-leġiżlazzjoni tagħhom (mhux biss fil-Kostituzzjoni iżda wkoll fil-liġijiet u regolamenti oħra) immunitajiet mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni kriminali (invjolabbiltà) b'rabta ma' medda illimitata ta' uffiċjali nazzjonali u mingħajr ma jiġu pprovduti proċeduri trasparenti u oġġettivi għat-tneħħija ta' dawn l-immunitajiet. Dispożizzjoni bħal din ma tikkorrispondix għall-istandards stabbiliti fl-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni tal-GRECO rigward l-osservanza tal-Prinċipju Gwida 6 tal-Kunsill tal-Ewropa għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni (li l-immunità mill-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, jew l-aġġudikazzjoni tal-korruzzjoni tiġi limitata sal-grad meħtieġ f'soċjetà demokratika), u lanqas għall-ambizzjoni tal-proposta għad-Direttiva.

Fl-aħħar nett, jiddispjaċina li l-kummenti li saru f'livell tekniku bl-għan li jiċċaraw u jtejbu xi dispożizzjonijiet oħra fil-parti operattiva u fil-preambolu sabiex jiġu żgurati l-koerenza, ambizzjoni ogħla, u/jew il-valur miżjud tal-proposta ma ġewx ikkunsidrati (eż. rigward l-Artikolu 13 "Arrikkiment minn reati ta' korruzzjoni" li jidher li huwa każ speċjali ta' ħasil tal-flus li huwa diġà kopert mid-Direttiva (UE) 2018/1673 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali)."

## DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja tiddikjara li t-terminu "matul attivitajiet ekonomiċi, finanzjarji jew kummerċjali" fl-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI u l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa interpretat fis-sens li ssir referenza għal attivitajiet relatati max-xiri ta' oġġetti jew servizzi kummerċjali."

## DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"Aħna nappoġġaw u nilqgħu l-għanijiet ġenerali tad-direttiva dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-Approċċ Ġenerali tal-Kunsill.

Madankollu, kif ġie espress qabel matul in-negozjati, il-proposta għandha kamp ta' applikazzjoni wiesa' wisq fl-Artikolu 8 fir-rigward tat-tixħim fis-settur privat, u mhuwiex ċar biżżejjed x'interess legali huwa protett minn din id-dispożizzjoni. Skont il-formulazzjoni, is-suġġett tar-reat jista' jkun kwalunkwe impjegat ta' kwalunkwe persuna privata, u l-prerekwiżit għar-responsabbiltà kriminali jista' jkun kwalunkwe ksur professjonali li għalih l-impjegat ikun imwiegħed ħlas.

Aħna nappoġġaw il-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni personali tal-Artikolu 8 għall-funzjoni jew ir-responsabbiltà maniġerjali, u l-kamp ta' applikazzjoni materjali għax-xiri ta' oġġetti jew servizzi kummerċjali. Nibqgħu mħassbin dwar l-approċċ sproporzjonat u nittamaw li dan jiġi indirizzat matul in-negozjati tat-trilogu."